



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0353(COD)

9429/19
ADD 1

CODEC 1109
ENT 138
MI 455
CONSOM 171
COMPET 415
UD 146
CHIMIE 83
COMER 73

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnotta li t-test maqbul jissostitwixxi l-bażi ġuridika tripla tal-proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 114 tat-TFUE – is-suq intern, l-Artikolu 33 tat-TFUE – il-kooperazzjoni doganali,

l-Artikolu 207 – il-politika kummerċjali komuni) b'bażi ġuridika doppja, billi jħassar il-bażi ġuridika tal-politika kummerċjali komuni. Il-Kummissjoni tkompli tqis li l-bażi ġuridika tripla hija ġġustifikata għalkollox fejn jidħlu d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq tal-UE ta' prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, il-bażi ġuridika tal-politika kummerċjali komuni hi konformi mal-bażi ġuridika tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Artikolu 207 tat-TFUE ma għadux bażi ġuridika tar-Regolament.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Biex jissaħħu l-kontrolli doganali fuq il-prodotti, ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw punti referenzjali u tekniki għall-verifiki li jkunu bbażati fuq analiżi komuni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni beħsiebha teżerċita din is-setgħa mogħtija.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Bulgarija, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Renju Unit

Il-Bulgarija, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Renju Unit jappoġġaw l-għanijiet globali tal-proposta dwar il-Konformità u l-Infurzar biex isaħħu s-sorveljanza tas-suq sabiex il-prodotti jkunu konformi mal-leġislazzjoni tal-Unjoni u l-qafas iżomm il-pass ma' ekonomija moderna b'teknoloġiji li jevolvu b'mod rapidu.

Madankollu, nemmnu li l-impatt tal-Artikolu 4 (Kompiti tal-operaturi ekonomiċi rigward prodotti soġġetti għal ċerta leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) ma ġiex ivvalutat b'mod adegwat, li mhuwiex ibbażat biżżejjed fuq ir-riskju u ser ipoġġi piż żejjed fuq in-negozji żgħar u ta' daqs medju.

Filwaqt li aħna, il-firmatarji, naqblu mal-prinċipji tal-proposta u aħna impenjati għal sistema robusta ta' sorveljanza tas-suq konġunta li tipproteġi lill-konsumaturi u tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozi, aħna ma nistgħux nagħtu l-appoġġ sħiħ tagħna għall-proposta minħabba r-riskji sinifikanti tal-Artikolu 4 li ma ġewx ivvalutati b'mod adegwat.
